MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 369/2012

**Paul & Rocco (Marsa) Limited (C 2662)**

**vs**

**Gilbert Camilleri (I.D. 602383M)**

## Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal-hlas ta' erbat elef, erba' mija, tnejn u disghin Ewro (€4492), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-intimat lis-socjeta' attrici wara xiri ta' vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni GIL 083 skont ftehim datat 8 ta' April 2010 anness u mmarkat Dokument A.

Bl-ispejjez inkluz dik tal-ittra ufficjali 166A tal-10 t'April 2012 u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b’hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702 (3) (b) Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenut naqas u ma deherx fl-23 ta’ Jannar 2013 meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat li ma gewx ezebiti l-kambjali li giet imsemmija fl-avviz in ezami u li in atti ma hemmx anness il-ftehim imsemmi dejjem fl-istess avviz tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, erba’ mija, tnejn u disghin Ewro (€4492) bl-imghax legali mill-10 ta’ April 2012 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fl-10 t’April, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------